



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 5 ta' Novembru 2025  
(OR. en)**

**2025/0526(COD)**

**PE-CONS 39/25**

**SIMPL 115  
ANTICI 126  
ENT 181  
MI 690  
IND 376  
COMPET 921  
CHIMIE 86  
CONSOM 188  
SAN 577  
ENV 897  
AGRI 449  
BETREG 35  
CODEC 1365**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

**Suġġett:** **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (UE) 2024/2865 fir-rigward tad-dati tal-applikazzjoni  
u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

**REGOLAMENT (UE) 2025/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/2865**  
**fir-rigward tad-dati tal-applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tat-23 ta' Ottubru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-klassifikazzjoni, l-ittikkettar, u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet. Dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, li, fost l-oħrajn, introduċa regoli speċifiċi dwar l-iffommattjar tat-tikketti, l-iskadenzi għall-ittikkettar mill-ġdid f'każ ta' bidliet fil-klassifikazzjoni, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għar-reklamar u għall-offerti ta' bejgħ mill-bogħod u r-rekwiżiti tal-ittikkettar għall-istazzjonijiet tas-servizz. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 iddiferixxa wkoll id-data tal-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oj>).

- (2) Ir-rapport tal-2024 intitolat “Il-futur tal-kompetittività Ewropea” (ir-rapport Draghi) enfasizza li l-għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw il-marġni ta’ manuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u li jżommuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 indikat ukoll il-piż u l-kostijiet amministrattivi eċċessivi assoċjati mar-rekwiżiti introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865. Abbażi ta’ dawk is-sejbiet, il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi<sup>5</sup>. Dik il-proposta hijamaħsuba, fost l-oħrajn, biex tibbilanċja aħjar, minn naħa waħda, il-ħtieġa li l-informazzjoni fuq it-tikketti tinftiehem b’mod ċar mill-konsumaturi u, minn naħa l-oħra, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli tas-suq u l-piż amministrattiv għall-industrija, kif espress fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b’saħħtu”. Fid-dawl ta’ dik il-proposta, huwa meħtieġ li jiġu differiti aktar l-obbligi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865 dwar l-iffommattjar tat-tikketti, ir-reklamar, l-offerti ta’ bejgħ mill-bogħod u l-ittikkettar mill-ġdid. Tali differiment ulterjuri jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jippreparaw għal bidliet fir-rekwiżiti tal-iffommattjar u tal-ittikkettar, kif ukoll għal rekwiżiti ġodda ta’ informazzjoni għar-reklamar u għall-offerti ta’ bejgħ mill-bogħod previsti fil-proposta tal-Kummissjoni.

---

<sup>5</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta’ ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi, COM(2025)0531.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ittikkettar tal-fjuwils fornuti fl-istazzjonijiet tas-servizz. Madankollu, ċerti rekwiżiti, inkluż ir-rekwiżit li jiġi indikat il-fornitur, il-kwantità nominali, u l-identifikatur uniku tal-formula, deheru li mhumiex prattiċi u li dawn jiġu jiswew ħafna għall-impreżi, mingħajr ma għabu ebda benefiċċju għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, il-Kummissjoni biġsiet timmodifika dawk ir-rekwiżiti sabiex tagħmilhom aktar adattati billi tneħħi r-rekwiżiti tal-ittikkettar mhux meħtieġa u ta' piż. Fid-dawl ta' dawk il-modifiki antiċipati, huwa xieraq li tkompli tiġi differita d-data tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 fih dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jippermettu lill-impreżi japplikaw, fuq bażi volontarja, ir-regoli l-ġodda introdotti b'dak ir-Regolament qabel id-dati tal-applikazzjoni tagħhom fuq bażi volontarja. Biex tiġi żgurata l-konsistenza mad-differiment itwal u biex tiġi pprovduta ċarezza legali għall-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-dati tal-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ir-rekwiżiti tal-ifformattjar obbligatorji, l-ittikkettar mill-ġdid, ir-reklamar, l-offerti ta' bejgħ mill-bogħod u l-ittikkettar tal-istazzjonijiet tas-servizz u jiġu allinjati mad-dati differiti u estenzi tal-applikabbiltà.
- (5) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, id-dati tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament (UE) 2024/2865 jenħtieġ li jibqgħu l-istess.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2865 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
*Emendi tar-Regolament (UE) 2024/2865*

L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/2865 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-Artikolu 1, il-punt (3)(b), l-Artikolu 1, il-punti (4) sa (7), l-Artikolu 1, il-punt (12)(a), l-Artikolu 1, il-punt (13), l-Artikolu 1, il-punti (15)(a) u (b), l-Artikolu 1, il-punti (17), (18), (22) u (23), il-punti (4), (8), (10) u (11) tal-Anness I u l-punt (1) tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2026.”;
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3. L-Artikolu 1, il-punti (1) u (9), l-Artikolu 1, il-punti (24)(b) u (d) u l-Anness IV għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027”;
- (c) jiżdied il-paragrafu li ġej:
- “3a. L-Artikolu 1, il-punti (14), (15)(c), (26) u (27), il-punti (2) u (3) tal-Anness I u l-punt (2) tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2028”;

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. B'deroga mill-Artikolu 5, l-Artikolu 6(3) u (4), l-Artikolu 9(3) u (4), l-Artikolu 10, l-Artikolu 25(3), l-Artikolu 29, l-Artikolu 31(1), l-Artikolu 35, l-Artikolu 40(1) u (2), l-Artikolu 42(1), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, it-taqsimi 1.2.1, it-taqsimi 1.5.1.2 u t-taqsimi 1.5.2.4.1 tal-Anness I u l-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, kif applikabbli fid-9 ta' Diċembru 2024, is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu sat-30 ta' Ġunju 2026 jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bl-Artikolu 1, il-punti minn (4) sa (7), l-Artikolu 1, il-punt (12)(a), l-Artikolu 1, il-punt (13), l-Artikolu 1, il-punt (15)(a) u (b), l-Artikolu 1, il-punti (18) u (22), l-Artikolu 1, il-punt (23)(a) ta' dan ir-Regolament u l-punti (4), (8) u (10) tal-Anness I u l-punt (1) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.”;

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. B’deroga mill-Artikolu 1(1), 18(3)(b), l-Artikolu 45(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-parti A, it-taqsimiet 1 tal-Anness VIII, il-parti A, it-taqsimiet 2.1, tal-Anness VIII, il-parti A, l-ewwel subparagrafu tat-taqsimiet 2.4 tal-Anness VIII, il-Parti B, it-taqsimiet 1 tal-Anness VIII, il-Parti B, it-tielet paragrafu tat-taqsimiet 3.1 tal-Anness VIII, il-Parti B, it-taqsimiet 3.6 tal-Anness VIII, il-Parti B, l-ewwel ringiela tat-Tabella 3 tat-taqsimiet 3.7 tal-Anness VIII, il-Parti B, l-ewwel paragrafu tat-taqsimiet 4.1 tal-Anness VIII, il-Parti C, it-taqsimiet 1.2 u 1.4 tal-Anness VIII, u l-Parti D, it-taqsimiet 1, 2 u 3 tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, kif applikabbli fid-9 ta’ Diċembru 2024, is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu sal-31 ta’ Diċembru 2026 jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bl-Artikolu 1, il-punti (1) u (9), l-Artikolu 1, il-punt (24)(b) u (d) ta’ dan ir-Regolament u l-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.”;

(f) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. B’deroga mill-Artikolu 30, l-Artikolu 31(3), l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, it-taqsimiet 1.2.1 tal-Anness I u l-Parti 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif applikabbli fil-9 ta’ Diċembru 2024, is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu sal-31 ta’ Diċembru 2027 jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bl-Artikolu 1, il-punti (14), (15)(c) u (26) ta’ dan ir-Regolament u l-punti (2) u (3) tal-Anness I u l-punt (2) tal-Anness II ta’ dan ir-Regolament.”.

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---